# PRIM' AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAD-19 TA' OTTUBRU, 2023**

**Kawża Numru: 5**

**Rik. 515/2022 RGM**

**L-Avukat Dr Marlon Borg bħala mandatarju speċjali ta'**
**Prof. Marek Ehrlich**

**vs.**

**Virtual Digital Services Limited**

## Il-Qorti:

1. Permezz ta' rikors promotur ippreżentat fl-14 ta' Ġunju 2022, l-Avukat Dr Marlon Borg (l-attur nomine) għan-nom tal-Professur Marek Ehrlich (l-attur) ċittadin

Awstrijak, wara li ppremetta illi l-attur kien ottjena sentenza mogħtija minn qorti fl-Awstrija kontra Virtual Digital Services Limited (is-soċjetà konvenuta), soċjetà reġistrata hawn Malta, u li kien ottjena wkoll 'European Enforcement Order Certificate' ai termini tal-Artikolu 53 tar-Regolament Ewropew 1215/2021 u li kien jinħtieġ li dik is-sentenza tiġi eżegwita f'Malta. Għaldaqstant talab lil din il-qorti:

> "tirrikonoxxi s-sentenza mogħtija mill-Qorti ta' "Landesgerict fur Zivilrechtssanchen Wien", fl-Awstrija kontra l-kumpanija intimata ta' nhar it-28 ta' Jannar 2022 bħala titolu eżekuttiv f'Malta ai termini tal-artikolu 36 et seq. tar-Regolamenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tas-sentenzi fi kwistjonijiet Ċivili u Kummerċjali bin-numru 1215/2021, u tiddikjara l-istess sentenza enforzabbli u eżegwibbli f'Malta ai termini tal-imsemmi Regolament bl-ispejjeż kontra l-kumpanija intimata".

2. B'digriet tal-1 ta' Lulju 2022 il-Qorti ordnat in-notifika tar-rikors promotur lis-soċjetà konvenuta bil-fakultà li tippreżenta risposta fi żmien għaxart ijiem u appuntat ir-rikors għas-smiegħ.

3. Is-soċjetà konvenuta laqgħet għal din it-talba billi permezz ta' risposta preżentata fil-5 ta' Awissu 2022 resqet diversi eċċezzjonijiet sew ta' natura preliminari, sew fil-mertu.

4. Permezz tal-ewwel eċċezzjoni preliminari tagħha l-konvenuta eċċepiet in-nullità u l-irritwalità tar-rikors promotur ai termini tal-Artikolu 789 u l-Artikolu 156 tal-Kapitolu 12 peress li l-attur nomine ma speċifikax taħt liema dispożizzjoni tar-Regolament (UE) 1215/2012 kien fassal it-talbiet tiegħu bil-konsegwenza illi s-soċjetà konvenuta ma tistax tiddefendi ruħha.

5. Permezz tat-tieni eċċezzjoni preliminari tagħha s-soċjetà konvenuta eċċepiet in-nullità u l-irritwalità tat-talbiet attriċi stante li r-Regolament (UE) 1215/2012 li sar

referenza għalih fir-rikors promotur ma jagħtix lill-parti li tkun trid tenforza sentenza estera mogħtija fi stat membru ieħor tal-Unjoni Ewropea d-dritt li tagħmel rikors għal dikjarazzjoni ta' rikonoxximent u infurzar bħal ma qed jitlob l-attur nomine.

6. Rinfaċċjat b'dawn l-eċċezzjonijiet, fid-29 ta' Settembru 2002 l-attur nomine ippreżenta rikors fejn talab korrezzjoni fit-talba minnu mressqa fir-rikors promotur sabiex tiġi taqra:

   "Għaldaqstant, l-esponent umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tiddikjara illi, a tenur tal-Artikolu 36 tar-Regolamenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tas-sentenzi fi kwistjonijiet Ċivili u Kummerċjali bin-numru 1215/2012, m'hemm l-ebda raġuni għal rifjut ta' rikonoxximent kif imsemmi fl-Artikolu 45 tar-Regolament fir-rigward tas-sentenza mogħtija mill-Qorti ta' 'Landesgerich fur Zivilrechtssanchen Wien", fl-Awstrija kontra l-kumpanija intimata tat-28 ta' Jannar 2022, b'dan illi l-istess sentenza tkun tikkostitwixxi titolu eżekuttiv enforzabbli u eżegwibbli f'Malta ai termini tal-imsemmi Regolament bl-ispejjeż kontra l-kumpanija intimata".

7. Permezz tar-risposta tagħha tas-26 ta' Ottubru 2022 is-soċjetà konvenuta opponiet għat-talba għall-korrezzjoni fit-talba attriċi iżda b'digriet tad-29 ta' Novembru 2022, il-Qorti għar-raġunijiet hemm mogħtija laqgħet it-talba għall-korrezzjoni u għalhekk it-talba ġiet taqra kif muri fil-paragrafu ta' qabel dan.

   Fuq talba tas-soċjetà konvenuta, il-Qorti awtorizzat lill-istess sabiex tippreżenta risposta ulterjuri li ġiet ippreżentata fl-20 ta' Frar 2023.

8. Waqt is-seduta tat-22 ta' Marzu 2023, il-Qorti ddegretat li ser tiġi trattata u deċiża l-eċċezzjoni preliminari mressqa mis-soċjetà konvenuta b'risposta ulterjuri tal-20 ta' Frar 2023 li permezz tagħha eċċepiet in linea preliminari illi ċ-ċertifikat anness mar-rikors promotur kif indikat fit-tieni premessa tal-attur nomine, u cioe' "European

Enforcement Order Certificate" ai termini tal-artikolu 53 ta' Regolamenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru, 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tas-sentenzi fi kwistjonijiet Ċivili u Kummerċjali bin-numru 1215/2012, m'huwiex iċ-ċertifikat li jinħareġ ai termini tal-Artikolu 53 (Anness I) tal-imsemmi Regolament, u għalhekk din il-Qorti ma tistax tawtorizża l-eżekuzzjoni tas-sentenza estera.

Ikkunsidrat;

9. L-attur nomine istitwixxa l-kawża odjerna ai termini tar-**Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali**, senjatament Artikoli 36 u 45 ta' l-istess regolament.

10. **Artikolu 36 tar-Regolament (UE) 1215/2012** jipprovdi li:

> "1. Sentenza mogħtija fi Stat Membru għandha tiġi rikonoxxuta fl-Istati Membri l-oħra mingħajr il-bżonn ta' ebda proċedura speċjali.
>
> 2. Kwalunkwe parti interessata tista', f'konformità mal-proċedura prevista fis-SubTaqsima 2 tat-Taqsima 3, tapplika għal deċiżjoni li m'hemm l-ebda raġuni għal rifjut ta' rikonoxximent kif imsemmi fl-Artikolu 45.
>
> 3. Jekk ir-riżultat tal-proċedimenti f'qorti ta' Stat Membru jiddependi mid-determinazzjoni ta' kwistjoni inċidentali ta' rifjut tar-rikonoxximent, dik il-qorti għandha jkollha ġurisdizzjoni fuq dik il-kwistjoni."

11. **Mill-banda l-oħra, Artikolu 39** ta' l-istess Regolament, fejn jirrigwarda '**Eżekuzzjoni'**, jaqra hekk:

"Sentenza mogħtija fi Stat Membru li hija eżegwibbli f'dak l-Istat Membru għandha tkun eżegwibbli fl-Istati Membri l-oħra mingħajr ma tkun meħtieġa l-ebda dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà."

12. Skond **Artikolu 45** ta' l-istess Regolament, talba għal rikonoxximent tista' tiġi rifjutata, wara talba ta' parti interessata, għar-raġunijiet segwenti:

"a) jekk dak ir-rikonoxximent ikun manifestament kontra l-istrateġija pubblika (ordre public) tal-Istat Membru indirizzat;

b) meta s-sentenza tingħata b'kontumaċja, jekk il-konvenut ma kienx ġie notifikat bid-dokument li jkun fetaħ il-proċedimenti jew b'dokument ekwivalenti fi żmien suffiċjenti u b'tali manjiera li dan ikun jista' jħejji għad-difiża tiegħu, sakemm il-konvenut ma jkunx naqas milli jibda l-proċedimenti biex jikkontesta s-sentenza meta kien possibli għalih li jagħmel hekk;

c) jekk is-sentenza tkun irrikonċiljabbli ma' sentenza mogħtija bejn l-istess partijiet fl-Istat Membru indirizzat;

d) jekk is-sentenza tkun irrikonċiljabbli ma' sentenza mogħtija aktar kmieni fi Stat Membru ieħor jew fi Stat terz li jinvolvi l-istess kawża ta' azzjoni u bejn l-istess partijiet, dment li s-sentenza preċedenti tissodisfa l-kondizzjonijiet meħtieġa għar-rikonoxximent tagħha fl-Istat Membru indirizzat; jew

e) jekk is-sentenza tkun f'konflitt ma':

(i) it-Taqsimiet 3, 4 jew 5 tal-Kapitolu II fejn id-detentur tal-polza tal-assigurazzjoni, l-assigurat, il-benefiċjarju tal-kuntratt ta' assigurazzjoni, l-parti li tkun ġarrbet il-ħsara, il-konsumatur jew l-impjegat kien il-konvenut; or

(ii) it-Taqsima 6 tal-Kapitolu II"

13. Kif ġia ingħad din is-sentenza tirrigwarda l-eċċezzjoni ulterjuri sollevata mis-soċjetà konvenuta fejn eċċepiet illi ċ-ċertifikat anness mar-rikors promotur ma hux dak rikjest ai termini tar-Regolament 1215/2012l

14. **Artikolu 43** tar-Regolament (UE) 1215/2012 li jipprovdi:

> "Meta tintalab l-eżekuzzjoni ta' sentenza mogħtija fi Stat Membru ieħor, iċ-ċertifikat maħruġ skont l-Artikolu 53 għandu jkun notifikat lill-persuna li kontra tagħha qed tintalab l-eżekuzzjoni qabel l-ewwel miżura ta' eżekuzzjoni."

15. Is-soċjetà konvenuta tispjega li mar-rikors promotur l-attur nomine ppreżenta Anness I li jinsab fir-Regolament (KE) 805/2004 li joħloq Ordni Ewropew ta' Infurzar għal talbiet mhux kontestati. Fil-każ odjern, huwa evidenti mis-sentenza annessa mar-rikors promotur li l-azzjoni quddiem il-Qorti Awstrijaka kienet ġiet ikkontestata: "*The defendant contested the claim on the merits, [...]*" Għaldaqstant is-soċjetà konvenuta għandha raġun meta teċċepixxi li r-Regolament (KE) 805/2004 m'huwiex ir-regolament applikabbli sabiex l-attur jeżegwixxi dik is-sentenza fil-ġurisdizzjoni Maltija; imma huwa r-Regolament (UE) 1215/2012 li huwa applikabbli.

16. Is-soċjeta' konvenuta issostni illi ġaladarba ċ-ċertifikat Anness I tar-Regolament (UE) 1215/2012 għadu ma ġiex notifikat lilha, din il-Qorti għandha tirrifjuta li tirrikonoxxi u teżegwixxi s-sentenza Awstrijaka mogħtija mill-Qorti ta' Landesgericht fur Zivilrechtssanchen Wien fit-28 ta' Jannar 2022. Din l-eċċezzjoni ġiet imsejsa fuq l-Artikolu 43 suċċitat li jipprovdi li qabel l-ewwel miżura ta' eżekuzzjoni, l-attur kellu jinnotifikaha biċ-ċertifikat maħruġ skont l-Artikolu 53.

17. L-Artikolu 43 jinstab taħt Taqsima 2 tal-Kapitolu III u ċioe t-taqsima tal-eżekuzzjoni. Kif osservat sew is-soċjetà konvenuta fir-risposta tagħha tal-5 t'Awwissu 2022, bid-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) 1215/2012 sentenza mogħtija fi Stat Membru

għandha tiġi enforzata mingħajr il-ħtieġa li tingħata dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà u dan ai termini tal-Artikolu 39 sukwotat.

18. Pero' l-Qorti ma tqisx bħala fondata l-pretensjoni tas-soċjetà konvenuta li kellha tiġi notifikata biċ-ċertifikat qabel "tintalab l-eżekuzzjoni qabel l-ewwel miżura ta' **eżekuzzjoni**." Mill-qari tat-talba kif korretta, il-proċedura addotata hija dik ai termini tal-Artikolu 36 (2) fejn saret talba għal dikjarazzjoni ġudizjarja li m'hemm l-ebda raġuni għal rifjut ta' **rikonoxximent** kif imsemmi fl-Artikolu 45. L-istess sub-artikolu jagħmel referenza għall-proċedura prevista fis-Sub-Taqsima 2 tat-Taqsima 3, senjatament il-proċedura ai termini tal-Artikolu 46 sa l-Artikolu 51.

19. Id-dispożizzjoni relevanti tas-**SubTaqsima 2 tat-Taqsima 3** hija dik tal-**Artikolu 47 (3)** li jipprovdi li

> "Ir-rikorrent għandu jipprovdi lill-qorti b'kopja tas-sentenza u, fejn meħtieġ, traduzzjoni jew tranżliterazzjoni tagħha.
>
> Il-qorti tista' ma teħtieġx il-produzzjoni tad-dokumenti msemmija fl-ewwel subparagrafu jekk dawn ikunu diġà fil-pussess tagħha jew jekk tikkunsidra li ma jkunx raġonevoli li teħtieġ lir-rikorrent biex jipprovdihom. F'dan l-aħħar każ, il-qorti tista' teħtieġ lill-parti l-oħra biex tipprovdi dawk id-dokumenti."

20. Ma' dan jeħtieġ li ssir referenza wkoll għall-**Artikolu 37 tar-Regolament (UE) 1215/2012** li jipprovdi li:

> "1. Parti li tkun tixtieq tinvoka fi Stat Membru sentenza mogħtija fi Stat Membru ieħor għandha tippreżenta:
> (a) kopja tas-sentenza li tissodisfa l-kondizzjonijiet meħtieġa sabiex tiġi stabbilita l-awtentiċità tagħha; u
> (b) iċ-ċertifikat maħruġ skont l-Artikolu 53.

2. Il-qorti jew awtorità li quddiemha tiġi invokata sentenza mogħtija fi Stat Membru ieħor tista', meta jkun meħtieġ, teħtieġ lill-parti li qed tinvokaha biex tipprovdi, f'konformità mal-Artikolu 57, traduzzjoni jew tranżliterazzjoni tal-kontenut taċ-ċertifikat imsemmi fil-punt (b) tal-paragrafu 1. Il-qorti jew l-awtorità tista' teħtieġ lill-parti li tipprovdi traduzzjoni tas-sentenza minflok traduzzjoni tal-kontenut taċ-ċertifikat jekk ma tistax tipproċedi mingħajr din it-traduzzjoni."

21. Relevanti huwa dak li ġie meqjus mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fis-sentenza fl-ismijiet **Nuovi Cantieri Apuania Spa vs. Featherstar Ltd** mogħtija fit-28 t'April 2021:

"min bħal *Nuovi Cantieri* jagħmel talba taħt l-art. 36.2 qiegħed effettivament "jinvoka" sentenza mogħtija fi stat membru ieħor, u għalhekk talba taħt l-art. 36.2 għandha tintlaqat ukoll bl-art. 37. Li ma kienx hekk, il-proċedura taħt l-art. 36.2 isservi biex tevadi dak li jrid l-art. 42 meta tiġi għall-esekuzzjoni tas-sentenza. Tassew illi talba għal dikjarazzjoni li ma hemmx raġuni għar-rifjut tal-għarfien tas-sentenza ma hijiex l-istess bħal talba għall-esekuzzjoni ta' dik is-sentenza, iżda meta titlob l-esekuzzjoni ta' sentenza wara li tkun ġà ksibt deċiżjoni li ma hemm l-ebda raġuni għar-rifjut tal-għarfien ta' dik is-sentenza, ma jkollok għalfejn turi xejn aktar, għax inkella dik id-deċiżjoni tkun ksibtha għalxejn. B'dan il-mod tevadi l-ħtieġa li tipproduċi ċ-ċertifikat taħt l-art. 53 li indubbjament huwa meħtieġ għall-esekuzzjoni tas-sentenza kif igħid l-art. 42.1(b) tar-Regolament.

16. Barra minn hekk, il-proċedura msemmija fis-SubTaqsima 2 tat-Taqsima 3 tar-Regolament hija maħsuba għal talba magħmula mill-parti li s-sentenza tkun ingħatat kontriha, u għalhekk ikollha interess titlob li *hemm* raġunijiet għar-rifjut tal-għarfien tas-sentenza. Għal-kemm huwa minnu wkoll illi l-art. 36.2 igħid illi talba bħal dik magħmula minn *Nuovi Cantieri* hija wkoll regolata bl-istess proċedura taħt is-SubTaqsima 2 tat-Taqsima 3 tar-Regolament, madankollu min jitlob deċiżjoni li hemm raġunijiet għar-rifjut tal-għarfien tas-sentenza kontra

tiegħu ma huwiex qiegħed "jinvoka" dik is-sentenza – pjuttost l-oppost – u għalhekk l-art. 37 ma jolqotx it-talba tiegħu, waqt li min jitlob deċiżjoni li ma hemmx raġunijiet għar-rifjut qiegħed jinvoka s-sentenza, u għalhekk it-talba tintlaqat bl-art. 37."

22. A contrario ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 43, l-Artikolu 37 ma jipprovdix li għandu jiġi notifikat il-persuna li kontra tagħha qed tiġi invokata s-sentenza mogħti fi Stat Membru biċ-ċertifikat maħruġ skont l-Artikolu 53, iżda li għandu jiġi ppreżentat.

23. Kif ser jiġi spjegat aktar 'l quddiem hemm distinzjoni bejn rikonoxximent u eżekuzzjoni. Li kieku l-attur qiegħed jipproċedi sabiex jeżegwixxi s-sentenza li kiseb mill-Qorti Awstrijaka permezz ta' mandati eżekutivi, din il-Qorti taqbel li ċ-ċertifikat kellu jkun notifikat lis-soċjetà konvenuta qabel ma tiġi ppreżentata l-ewwel miżura ta' eżekuzzjoni.[1] Fil-każ odjern pero' dak li qiegħed jintalab huwa dikjarazzjoni li m'hemm ebda raġuni għal rifjut ta' rikonoxximent.

24. Kif rajna wara li tresqet l-eċċezzjoni ulterjuri hawn deċiża l-attur nomine kiseb ċertifikat ai termini tal-Anness I tar-Regolament (UE) 1215/2012 liema ċertifikat iġib id-data ta' 23 ta' Frar 2023. B'ittra uffiċjali datata 21 ta' Marzu 2023 is-soċjetà konvenuta ġiet notifikata fid-29 ta' Marzu 2023 biċ-ċertifikat ai termini tar-Regolament (UE) 1215/2012.[2]

25. Għalkemm ir-**Regolament (UE) 1215/2012** ma jipprovdilna l-ebda tifsira tal-kelma *rikonoxximent* u lanqas tal-kelma *eżekuzzjoni*, huwa ċar li l-istess Regolament jiddistingwi bejn dawn iż-żewġ kunċetti, tant li dawn jinsabu regolati b'artikoli differenti.[3]

---

[1] Ara **Lotto Hessen GmbH vs. Deutsche Lotto und Sportwetten Ltd** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-20 ta' Lulju 2021, sentenza li tittratta l-htieġa tan-notifika qabel ittieħdu l-ewwel miżuri ta' eżekuzzjoni.

[2] Fol 84 tal-proċess.

[3] Ara **Alfred Schwab vs. Mr. Green Limited** mogħtija mill-Prim' Awla fl-4 ta' Marzu 2022 u ċ-ċitazzjoni tar-rapport spjegattiv ta' ***Trevor Hartley*** u ***Mosato Dogauchi*** bl-isem ***Convention of 30 June 2005 on Choice of Court Agreements*** fejn ġiet trattata d-differenza bejn rikonoxximent u eżekuzzjoni:

26. Ir-rikonoxximent ġudizzjarju ta' sentenza mogħtija minn qorti fi Stat Membru ieħor hija l-għarfien ta' dak li jkun ġie deċiż fis-sentenza estera. Sentenza ta' rikonoxximent ta' sentenza mogħtija fi Stat Membru ieħor mhux neċessarjament tiġi segwita b'atti eżekutivi. *Ad exemplum* jekk is-sentenza mogħtija fl-Istat Membru l-ieħor stabbilit illi parti m'għandiex jeddijiet kontra parti oħra, ir-rikonoxximent ta' dik is-sentenza iwaqqaf lill-parti l-oħra milli tressaq l-istess pretensjonijiet quddiem il-qrati ta' Stati Membri oħra. Ir-rikonoxximent ma hux marbut biss meta jkun hemm sentenza ta' kanonizzazzjoni ta' kreditu iżda wkoll meta per eżempju jkollox sentenza illi ċaħdet talba għall-kanonizzazzjoni ta' kreditu. Bħalma kreditur kanonizzat minn qorti fi Stat Membru ieħor għandu l-jedd li jinizja proċeduri sabiex il-Qorti Maltija tiddikjara illi ma hemm l-ebda raġuni għal rifjut ta' rikonoxximent kif imsemmi fl-Artikolu 45 tar-Regolament; daqstant ieħor tali talba tista' ssir fejn is-sentenza estera tkun ċaħdet talba għall-kanonizzazzjoni ta' kreditu per eżempju għaliex hi preskritta.

27. Mill-banda l-oħra, l-esekuzzjoni tas-sentenza tirrigwarda l-atti eżekutivi, il-mandati eżekutivi kontemplati fil-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

28. Il-Qorti tqis illi ma kienx meħtieġ *ad validitatem* illi qabel jistitwixxi l-kawża odjerna l-attur nomine jinnotifika lis-soċjeta' konvenuta biċ-ċertifikat maħruġ mill-Qorti Awstrijaka. Fi proċeduri tax-xorta bħal każ odjern huwa biżżejjed li min jistitwixxi l-kawża jintavola fl-atti iċ-ċertifikat imsemmi. Dan iċ-ċertifikat, għalkemm ma ġiex ippreżentat mar-rikors promotur, ġie eventwalment ippreżentat fil-25 ta' Mejju, 2023.

29. Tenut kont illi l-azzjoni attriċi ma ġietx intavolata ai termini tal-Artikolu 43 tar-Regolament (UE) numru 1215/2012, iżda ai termini tal-Artikolu 36 isegwi illi kuntrarjament għal dak eċċepiet ulterjorment mis-soċjeta' konvenuta, ma kienx meħtieġ illi qabel tiġi ntavolata l-kawża odjerna l-attur nomine jinnotifika lis-soċjeta' konvenuta biċ-ċertifikat maħruġ skont Artikolu 53.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi l-ewwel eċċezzjoni ulterjuri tas-soċjeta' konvenuta billi,

1. **Tiddikjara** illi l-*European Enforcement Order Certificate* li l-attur nomine ippreżenta flimkien mar-rikors promotur ma hux maħruġ skond Artikolu 53 tar-Regolament Ewropew nru 1215/2012 iżda huwa ċertifikat (Anness I) maħruġ ai termini tar-Regolament Ewropew nru. 805/2004 li joħloq Ordni Ewropew ta' Infurzar għal talbiet mhux kontestati, li ma hux applikabbli għall-każ odjern;

2. **Tiddikjara** illi ma kienx meħtieġ li qabel jistitwixxi l-kawża odjerna l-attur nomine jinnotifika lis-soċjeta' konvenuta biċ-ċertifikat maħruġ skond Artikolu 53 tar-Regolament Ewropew 1215/2012; u

3. **Tiddikjara** illi bil-preżentata fil-25 ta' Mejju, 2023 da parti tal-attur nomine taċ-ċertifikat maħruġ skond Artikolu 53 tar-Regolament Ewropew nru 1215/2012, l-attur nomine ssodisfa dak li jrid Artikolu 37 tal-istess Regolament Ewropew.

4. **Tordna** l-prosegwiment tas-smiegħ tal-kawża.

**Spejjeż riżervati** għall-ġudizzju finali.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**
19 ta' Ottubru, 2023

**Lydia Ellul**

**Deputat Reġistratur**